**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 36 - IT-TLIETA 3 TA' GUNJU 2008**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi-Sindku |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku s-SE.

1.2. Hekk kif bdiet il-laqgħa l-Kunsillier Anthony Grech skuża ruħu li ma setax jattendi għall-attività tal-President peress li kellu l-preċett tan-neputi.

1.3. Fir-rigward tal-proġett tal-bandli, is-Sindku infurmat li fadal xi xogħlijiet aħħarija xi jsiru, b'mod speċjali għaliex il-lastiku li ġie installat ma jidhirx li huwa ta' l-istandard mistenni. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Miceli, is-Sindku infurmat li ma kinux għadhom ġew ordnati bandli ġodda għat-tfal iż-żgħar però xorta kien hemm l-intenzjoni li jsiru. Kien hemm qbil li s-Sindku u s-SE għandhom imexxu kif jaħsbu li huwa l-aħjar għall-Kunsill.

1.4. Is-SE informa li kellu problema bl-installazzjoni tas-CCTV's, b'mod speċjali minħabba li kien hemm ix-xewqa mill-Kunsill li jiġu pruvati wkoll bil-lejl. Kien hemm qbil li, jekk jinstab li kollha huma fuq l-istess livell, għanda ssir l-ordni għalihom immedjatament.

1.5. L-ordni tal-laqgħa inbidel temporanjament sabiex l-*accountant* tal-Kunsill tagħti rendikont tar-Rapport Finanzjarju. Wara l-qari tiegħu, l-*accountant* irrapurtat li jidher li l-Kunsill qiegħed f'sitwazzjoni finanzjarja tajba. Il-Kunsill imbagħad approva r-rapport finanzjarju.

1.6. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Miceli, il-Kunsillier Sciberras spjega li l-*bad debts* fir-rigward taċ-ċitazzjonijiet tal-gwardjani jissarrfu f'ċitazzjonijiet antiki li qatt ma tħallsu għal xi raġuni jew oħra bħal per eżempju l-persuna tkun mietet inkella l-vettura tkun ġiet skreppjata. Kien għaldaqstant, qal il-Kunsillier Sciberras, li l-Kumitat Konġunt Tramuntana qabel li mis-sena li għaddiet 'il quddiem tibda ssir proviżjoni ta' 35%.

1.7. Il-Kunsillier Sciberras għamel riferenza għall-para. 6.3 fejn stqarr li jħoss li l-Kunsill qiegħed ikun intransiġenti.

1.8. Il-Kunsillier Catania nforma li kull filgħodu bejn il-5:30am u s-6:00am qed ikun hemm numru ta' vetturi pparkjati kif ġie ġie u ġieli anke fuq il-bankina fil-Pjazza. Għaldaqstant kien hemm qbil li jsir rapport lill-pulizija jew lill-gwardjani.

1.9. Is-SE informa li kienet intbagħtet ittra lill-każini fir-rigward tat-toqob tal-festa fejn kien hemm risposta mis-Soċjetà Mużikali Peace. Dawn kienu qed jgħidu li t-toqob eżistenti għamluhom huma u mhux lesti li jaċċettaw tibdil. Huma aċċertaw ukoll li kienu se jieħdu miżuri biex il-vetturi ma ssirilhomx ħsara. Dawn spiċċaw l-ittra billi infurmaw li ma kinux lesti li jisilfu l-arbli tagħhom lill-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa magħhom.

1.10. Fir-rigward tal-ġardina fi Triq Sir Harry Luke, il-Kunsill insista mas-SE sabiex dan ix-xogħol jinbeda mill-aktar fis possibli, anke jekk imqar fuq skala żgħira. Is-SE ta l-parir lill-Kunsill li m'għandu jagħmel xejn jekk ma jkunx bi pjan tajjeb ħalli ma jinħlewx riżorsi. Barra minn hekk ta l-parir ukoll li ma jinbdewx aktar proġetti sakemm jitlestew dawk li kienu għadhom pendenti. Kien hemm qbil li l-Kunsillier Joe Grech għandu jġib stima mingħand kuntrattur sabiex isiru xi xogħlijiet bażiċi.

1.11. Is-SE informa li l-perit kien għaddielu l-ewwel disinni għal Triq il-Kbira (li jistgħu ikunu applikati wkoll għal Triq Castro) għalkemm xtaq xi konfermi min-naħa tal-Kunsill. Is-SE informa li l-perit kien ħalla l-istess numru ta' parkeġġi matul it-triq sabiex ma tinħoloqx inkonvenjenza. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol isir f'żewġ fażijiet fejn l-ewwel tinbeda l-parti ta' bejn il-Pjazza u Triq San Ġorġ u 'il quddiem issir il-kumplament tat-triq. Kien hemm qbil li l-Kunsillieri għandhom jaraw il-possibiltajiet varji ta' pavimentar li jeżistu billi fejn jinnutaw xi ħaġa simili għandhom jirrapurtaw dwarha.

1.12. Fir-rigward tal-plakek għal siti storiċi, is-SE informa li kien tkellem ma' *Heritage Malta* u dawn qalulu li kien hemm bżonn ta' permessi mill-MEPA għal kull plakka individwali. Kien hemm qbil li tintalab l-għajnuna ta' Paul Catania fir-rigward tal-kliem għal fuq il-plakek. Ġie ssuġġerit ukoll li l-Kunsill għandu jara l-possibiltà li japplika għal xi fondi mill-Unjoni Ewropea għal dan l-għan.

1.13. Kien hemm qbil li s-SE għandu jagħmel lista tal-punti mil-laqgħa preċedenti u jgħaddiha lill-Kunsilliera. Dan sabiex ma jinħeliex aktar ħin fuq dettalji waqt il-laqgħa.

## 2. KOMMUNIKAZZJONIJIET:

2.1. Is-Sindku tat informazzjoni dwar iż-żjara li kellha fi Slovenja fejn qalet li kien suġġerit li kien propost li l-laqgħa li jmiss għas-sena d-dieħla ssir Malta.

2.2. Is-Sindku infurmat li l-Kummissjoni biex tieħu ħsieb tqassam il-fondi għall-vittmi tat-traġedja ta' Marzu kienet ġiet iffurmata u ippjanat li tiltaqa'.

2.3. Il-Kunsillier Sciberras informa li s-Sibt ta' qabel huwa kien attenda għal laqgħa tar-Reġjun tat-Tramuntana. Huwa nforma li s-Segretarju Parlamentari Dott. Chris Said wera x-xewqa li jżur il-Kunsilli Lokali kollha u talab ukoll li kull Kunsill jgħaddi proposta għar-riforma kif ukoll li kull Kunsill jieħu ħsieb jipprepara preżentazzjoni ta' xi proġett. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Sciberras kien hemm qbil li ssir preżentazzjoni tal-*Master Plan*.

2.4. Il-Viċi-Sindku infurmat li kien miet is-Sur Victor Gauci, li kellu r-residenza tiegħu tmiss mal-binja tal-Kunsill, u għaldaqstant issuġġeriet biex il-familja tiegħu tintalab

jikkunsidraw jinfurmaw lill-Kunsill kemm-il darba jkunu se jbiegħu id-dar sabiex il-Kunsill jara jkunx opportun li din tinxtara u ssir estensjoni tal-binja taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill però ma laqax din it-talba.

2.5. Il-Kunsillier Gatt skuża ruħu fil-10:45pm.

2.6. Il-Viċi-Sindku infurmat li grupp ta' *paragliders* kienu talbu li jagħmlu *platform* ta' l-injam fis-Salina. Hija ġiet infurmata li dawn għandhom iwasslu t-talba tagħhom lill-MEPA.

2.7. Fuq talba tal-Kunsillier Joe Grech kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikkunsidra li jitpoġġa materjal anti-skid bejn Triq l-Amerika u Triq l-Ingilterra. Se jinġiebu l-istimi neċessarji.

2.8. Għall-mistoqsija tas-SE, ħadd mill-Kunsilliera ma kellu xi jżid jew inaqqas mill-kontenut ta' l-offerta għall-gwardjan tal-grawnd ta' quddiem iċ-Ċentru Ċiviku. Għalhekk kien mitlub biex jipproċedi bil-ħruġ ta' l-offerta.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET

3.1. Is-SE informa li l-lista tal-ħlasijiet ma laħqitx tlestiet u għaldaqstant kien hemm qbil li fejn m'hemmx problemi u fejn ittieħdet deċiżjoni minn qabel għax-xiri mill-Kunsill, dawn għandhom jitqiesu bħala approvati.

## 4. PROĠETTI FIL-PJAN

4.1. Is-SE ippreżenta pjanta tal-proġett ta' Baħar iċ-Ċagħaq kif imħeijja mill-Perit tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju mal-kontenut tal-proġett u għalhekk talab li jkollu l-istimi neċessarji. Is-SE informa li għadda d-dettalji tal-pjanta lill-Inġinier biex ikun jista' jippreżenta proġett komplut.

4.2. Is-SE informa li l-MEPA kienet approvat il-bidu tal-proġett ta' tisbieħ ta' Triq in-Naħal u għalhekk, wara li ssir il-ko-ordinazzjoni meħtieġa, jkun jista' jibda x-xogħol meħtieġ.

## 5. AĠĠORNAMENT

5.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fil-11pm.

| | |
|---|---|
| *(Iffirmati)* | *(Iffirmati)* |
| **Maria F. Deguara** *MD, MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |